MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Diċembru 2015

Rikors Maħluf Numru: 606/15 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Christian Callus (K.I. numru 499783(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)** (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2015, li jaqra hekk:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar, datat 16 ta' Lulju 2008 (Dok. "A") u permezz ta' skrittura privata datata 21 t'April 2008 (Dok. "B") is-soċjetà attrici ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Christian Callus.*

*2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Christian Callus fis-somma ta' €116,306.21 bilanċ għad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" ta' Christian Callus mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3"; Dok. "D1 sa D4"; Dok. "E1 sa E4" u Dok "F") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Callus:*

*(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura,*
*(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew,*
*(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Christian Callus li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenut ġie nterpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Novembru 2014 li kopja tagħha ġiet esebita u mmarkata Dok. "G", sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Callus: (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Christian Callus li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

2. *Tikkundanna lil Christian Callus iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €116,306.21 bilanċ għad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" ta' Christian Callus mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3"; Dok "D1 sa D4"; Dok. "E1 sa E4" u Dok "F") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta' Novembru 2014 (Dok."G") u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esibiti.

Qrat l-affidavit (a fol. 41 u 42) tad-**Dottoressa Alexia Albani** rappreżentanta tas-soċjetà attriċi.

Semgħet id-deposizzjoni ta' **Dorianne Tanti** (a fol. 59) rappreżentanta tas-soċjetà attriċi li xehdet li ma tħallas xejn mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenut **Christian Callus** kien debitament notifikat u li iżda ma kienx ippreżenta risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjaratu bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat li fl-istess seduta din il-Qorti akkordat għaxart ijiem lill-konvenut biex iressaq nota ta' sottomissjonijiet a tenur tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12, iżda dan baqa' ma ressaq xejn.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Jirriżulta li s-soċjetà attriċi ippruvat il-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-konvenut Christian Callus, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**(i) Tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata (esebiti bħala Dokumenti "A" u "B" mar-Rikors Maħluf) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Callus: (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Christian Callus li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;**

**(ii) Tikkundanna lill-konvenut Christian Callus iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €116,306.21 bilanċ għad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" ta' Christian Callus mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3"; Dok "D1 sa D4"; Dok. "E1 sa E4" u Dok "F") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------